MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2266/2002

**Customs and Freight Agencies Ltd**

**Vs**

**R.A.B. Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmien mija u sebgha u sebghin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm877.76), somma dovuta lill-istess socjeta attrici ghal servizzi rezi u accettati mis-socjeta konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha x-xhieda li ressqet is-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’ tmien mija u sebgha u sebghin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm877.76), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------